# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAL-20 TA' FRAR, 2020

**Kawza Numru: 3**

**Rik. Gur. 246/2019 RGM**

**Victor Bezzina**
**(I.D. 889248(M)**

**vs.**

**Salvatore Alarcon (I.D. 31800(A)**

**Anna Elisabetta Gretter (I.D. 31799(A) u**

**New Viking Limited (C 25700)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ta' Victor Bezzina** prezentat fis-7 ta' Marzu, 2019 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Peress illi l-intimati in solidum huma debituri tar-rikorrenti ghall-bilanc tal-prezz tax-xiri ta' immobbli ossija lukanda maghrufa bhala The

Viking Hotel, Triq Spinola, San Giljan, kif jidher mill-kopja tal-kuntratt relattiv anness bhala Dok A;

2. Peress illi l-intimata New Viking Limited kienet akkwsitat din il-lukanda minghand s-socjeta' illum defunta ossija stralcjata Viking Limited (C7867) u l-partijiet kienu ftehmu illi l-azzjonisti tas-socjeta' akwirenti cjoe' l-konjugi intimati Salvatore Alarcon u martu Anna Elisabetta Gretter kienu qeghdin jiggarantixu l-hlas tal-bilanc tal-prezz in solidum flimkien mas-socjeta' akkwirenti favur ir-rikorrent personalment wara li s-socjeta' venditrici Viking Limited (C7867) kient giet stralcjata (kif jidher mill-estratt tas-sit elettroniku tal-MFSA aness bhala Dok B);

3. Peress illi sussegwentement il-partijiet dehru fuq skrittura privata redatta mill-Avukat Dottor John Refalo fl-10 ta' Novembru 2016 li permezz taghha ftehmu illi s-somma bilancjali dovuta bhala kapital fuq il-prezz tax-xiri tal-imsemmija lukanda kienet tommonta ghas-somma ta' mitt elf Ewro (€100,000) filwaqt li l-imghaxijiet sa dakinhar kienu jammontaw ghas-somma ta' wiehed u sebghin elf Ewro (€71,000.00), kif jidher mill-kopja tal-isktrittura anness bhala Dok C;

4. Peress illi minn dak inhar, id-debituri jew min minnhom ma hallsu l-ebda ammont b'konsegwenza illi l-imghaxijiet sallum zdiedu b'sittax-il elf tlett mija u hamsin Ewro ohra (€16,350.00);

5. U peress illi l-ammont dovut lir-rikorrenti mill-intimati huwa dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati llum m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jissollevaw kontra l-pagament tad-dejn imsemmi;

6. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikoli 167 *et seq* sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi l-kawza skont it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikoli 167 *et seq* sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u taht dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa:

i. Tiddikjara illi l-intimati in solidum huma debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta’ mitt elf Ewro (€100,000) bhala kapital, eskluz imghaxijiet li sallum jammontaw ghas-somma ta' sebgha u tmenin elf, tlett mija u hamsin Ewro (€87,350.00) dovuta kif fuq inghad, bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv;

ii. Tikkundanna lill-intimata thallas dan id-debitu, inkluz l-ispejjez tal-prezenti, kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru: ______/18.

L-intimati huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni prezentata mil-legali tal-konvenuti fl-udjenza tat-12 ta' Novembru 2019.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Decide**.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenuti il-Qorti qed tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tiddikjara lill-intimati debituri in solidum versu tar-rikorrent fis-somma ta’ mitt elf Ewro (€100,000) bhala kapital, kif ukoll fis-somma ta'

sebgha u tmenin elf, tlett mija u hamsin Ewro (€87,350.00) rapprezentanti imghaxijiet legali sas-7ta' Marzu 2019 oltre imghaxlijiet legali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' mitt elf Ewro (€100,000) bhala kapital, kif ukoll is-somma ta' sebgha u tmenin elf, tlett mija u hamsin Ewro (€87,350.00) rapprezentanti imghaxijiet legali dovuti sas-7 ta' Marzu 2019 kif ukoll l-imghaxlijiet legali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kif mitlub kontra l-konvenuti in solidum.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**